MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 17/2003

**Goldvest Company Limited li topera**
**l-Hotel Imperial**

**vs**

**Travel Services Malta Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef disa' mija u erbatax-il Liri Maltin u sitta u disghin centezmi (LM3914.96,0) prezz ta' servizzi provduti lill-turisti li baghtet is-socjeta' konvenuta ghax-xhur ta' Lulju, Awissu u Settembru tas-sena 2002.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet inkluzi dawk ta' mandat ta' sekwestru, kontra s-socjeta' konvenuta li rapprezentant taghha hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-4 ta' Frar tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------